

Brussell, 31 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7825/26
ADD 1

DELECT 60
VETER 43
AGRILEG 71

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 900 annex
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/686 fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24), tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika u tal-metrite kuntaġġuża ekwina (<i>Taylorella equigenitalis</i>)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 900 annex.

Mehmuż: C(2026) 900 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2026
C(2026) 900 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/686 fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24), tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika u tal-metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*)

ANNEX

L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(1) il-Parti 4 hija emendata kif ġej:

(a) fil-Kapitolu I, il-punt 1(a)(iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iii) test ta' identifikazzjoni tal-aġenti għall-metrite ekwina kuntaġġuża (*Taylorella equigenitalis*), imwettaq b'riżultat negattiv f'kull każ fuq tliet kampjuni (swabs) meħuda miż-żiemel tal-għalla donatur f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' mhux inqas minn 7 ijiem, u fi kwalunkwe każ mhux qabel 7 ijiem (trattament sistemiku) jew 21 jum (trattament lokali) wara t-trattament antimikrobjali possibbli taż-żiemel tal-għalla donatur, mill-inqas mis-siti li ġejjin:

- l-għant tal-pene (il-prepuzju),
- l-uretra,
- il-fossa glandis.

Il-kampjuni soġġetti għal kultura għandhom jitqiegħdu f'medium tat-trasport bil-karbonju attiv, bħalma huwa l-medium Amies, qabel ma jintbagħtu lejn il-laboratorju.

Il-kampjuni għandhom ikunu soġġetti għal mill-inqas wieħed mit-testijiet li ġejjin:

- kultura taħt kundizzjonijiet mikroerofilici għal perjodu ta' mill-inqas 7 ijiem għall-iżolament tat-*Taylorella equigenitalis*, li trid tinbeda fi żmien 24 siegħa wara li jittieħdu l-kampjuni mill-annimal donatur, jew 48 siegħa u l-kampjuni jridu jinżammu friski waqt it-trasport;
- jew
- Test tar-reazzjoni katina bil-polimerażi jew reazzjoni katina bil-polimerażi fil-ħin reali għall-individwazzjoni tal-ġenoma ta' *Taylorella equigenitalis*, imwettaq f'perjodu ta' 7 ijiem wara li jittieħdu l-kampjuni mill-annimal donatur;”;

(b) fil-Kapitolu II, il-punt 2(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) għandhom ikunu soġġetti għal test ta' identifikazzjoni tal-aġenti għall-metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*), imwettaq b'riżultat negattiv f'kull każ f'laboratorju fuq mill-inqas żewġ kampjuni (swabs) meħuda mill-annimal donatur, li fl-ebda każ ma għandu jsir qabel 7 ijiem (trattament sistemiku) jew 21 jum (trattament lokali) wara t-trattament antimikrobjali possibbli tal-annimal donatur, mill-inqas mis-siti li ġejjin:

- is-superfiċje mukożali tal-fossa klitorali,
- is-sinusijiet klitorali.

Il-kampjuni għandhom jittieħdu waqt il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum imsemmi fil-punt (a) f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' mhux inqas minn 7 ijiem bejniethom fil-każ tat-test imsemmi fil-punt (i), jew f'okkażjoni waħda fil-każ tat-test imsemmi fil-punt (ii).

Il-kampjuni msemija fil-punt (i) għandhom jitqiegħdu f'medium tat-trasport bil-karbonju attiv, bħalma huwa l-medium Amies, qabel ma jintbagħtu lejn il-laboratorju.

Il-kampjuni għandhom ikunu soġġetti għal mill-inqas wieħed mit-testijiet li ġejjin:

- (i) kultura taħt kundizzjonijiet mikroerofilici għal perjodu ta' mill-inqas 7 ijiem għall-iżolament tat-*Taylorella equigenitalis*, li trid tinbeda fi żmien 24 siegħa wara li jittieħdu l-kampjuni mill-annimal donatur, jew 48 siegħa u l-kampjuni jridu jinżammu friski waqt it-trasport;
jew
- (ii) Test tar-reazzjoni katina bil-polimerażi jew reazzjoni katina bil-polimerażi fil-ħin reali għall-individwazzjoni tal-ġenoma ta' *Taylorella equigenitalis*, imwettaq f'perjodu ta' 7 ijiem wara li jittieħdu l-kampjuni mill-annimal donatur.”;

(2) il-Parti 5 hija emendata kif ġej:

(a) Il-Kapitolu II huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt 1(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen, ikunu nżammu fi Stat Membru jew f'żona ta' Stat Membru fejn ma ġietx irrappurtata l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) għal perjodu ta' mill-inqas is-sentejn preċedenti f'radju ta' 150 km madwar l-istabbiliment;

(ii) il-punt 1(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen, ikunu nżammu f'żona staġjonalment ħielsa mill-vetturi fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24);”;

(iii) il-punt 2(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tal-ooċiti jew tal-embrijuni, ikunu nżammu fi Stat Membru jew f'żona ta' Stat Membru fejn ma ġietx irrappurtata l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) għal perjodu ta' mill-inqas is-sentejn preċedenti f'radju ta' 150 km madwar l-istabbiliment;”;

(iv) il-punt 2(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) ikunu nżammu għal perjodu ta' 60 jum qabel u waqt il-ġbir tal-ooċiti jew tal-embrijuni, f'żona staġjonalment ħielsa mill-vetturi fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24);”;

(b) Il-Kapitolu III huwa emendat kif ġej:

(i) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Rekwiżiti għall-annimali bovini, ovini u kaprini u għall-annimali tal-familji *Camelidae* u *Cervidae* rigward l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika”;

(ii) fil-punt 1, is-sentenza introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-annimali bovini, ovini u kaprini u l-annimali tal-familji *Camelidae* u *Cervidae*, li huma donaturi tas-semen, iridu jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:”;

(iii) il-punt 1(b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) għal perjodu ta’ mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen, ikunu nżammu f’żona staġjonalment ħielsa mill-vetturi fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika;”;

(iv) fil-punt 2, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b’dan li ġej:

“L-annimali bovini, ovini u kaprini u l-annimali tal-familji *Camelidae* u *Cervidae* li huma donaturi tal-ooċiti għall-produzzjoni *in vitro* ta’ embrijuni u donaturi ta’ embrijuni derivati *in vivo* jridu jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:”;

(v) il-punt 2(b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) għal perjodu ta’ mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tal-ooċiti jew tal-embrijuni, ikunu nżammu f’żona staġjonalment ħielsa mill-vetturi fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika;”.